*-SPOLL-*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI.

**IMHALLEF.**

**ONOR. RAYMOND C. PACE. LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 14 ta' Marzu 2001.**

**Kawza Numru. 7.**
**Citaz. Numru. 2142/99/RCP.**

**Marcus Marshall**

**vs**

**Raymond Aquilina personalment, Terra Mediterranea Limited, Dominic Savio sive Savio Spiteri personalment u Spiteri Holdings Limited.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol 1 tal-process fejn gie premess:

Illi l-attur huwa propjetarju ta’ porzjoni diviza ta’ art u cioe’ ta' plot numru tnejn (2) formanti parti mill-art maghrufa bhala Tal-Misluta sive Tal-Franciz fid-distrett maghruf bhala Tat-Tiniet, f’St. Andrews limiti ta' San Giljan tal-kejl ta' cirka, mitejn u erbatax-il metru kwadri (214$m^2$) skond il-pjanta hawn annessa, u mmarkata bhala Dokument "MM1”.

Illi l-attur akkwista, din il-porzjoni ta’ l-art skond kantratt ta' *datio in solutum* datat tlieta (3) ta’ April tas-sena, elf disa’ mija u tnejn u disghin (1992) fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Tabone, hawn anness u mmarkat Dokument “MM2”.

Illi recentement il-konvenuti jew min minnhom bdew jippretendu li l-art fuq imsemmija hija taghhom;

Illi l-konvenuti jew min minnhom klandestinament u ad insaputa ta’ l-attur dahlu bil-gaffa u b’ingenji ohra gewwa l-istess art, u kissru pedamenti ezistenti li kienu gew maghmula mill-attur jew l-ante kawza, tieghu, wittew il-plot in kwistjoni u ghamlu xoghol iehor fuq din l-art ghal skopijiet personali taghhom;

Illi meta, l-konvenuti jew min minnhom, ghall-ahhar ta' Awissu bidu ta' Settembru 1999 dahlu bil-gaffa gewwa, l-istess art, kisser pedamenti li l-attur jew l-ante kawza tieghu kien diga ghamel fuq l-istess art proprjeta tieghu, wittu l-art u ghamlu xoghol iehor fuq l-istess art ikkommettew spoll klandestin u vjolenti ghad-dannu ta' l-attur u ddeprivat lill-attur mill-pussess ta' l-art in kwistjoni;

L-istess attur talab li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom ikkommettew spoll klandestin u vjolenti meta, dahlu fl-art plot numru tnejn (2) formanti parti mill-art maghrufa bhala Tal-Misluta sive Tal-Franciz fid-distrett maghruf bhala Tat-Tiniet, f'St. Andrews limiti ta' San Giljan tal-kejl ta' cirka, mitejn u erbatax-il metru kwadri ($214m^2$) proprjeta ta' l-attur;

2. Tordna, li l-attur jigi riintegrat fil-pussess ta' l-art plot numru tnejn (2) formanti parti mill-art maghrufa, bhala Tal-Misluta sive Tal-Franciz fid-distrett bhala Tat-Tiniet, f'St. Andrews limiti ta' San Giljan tal-kejl ta' cirka mitejn u erbatax-il metri kwadri ($214m^2$) u b'hekk tikkundanna, lill-konvenati jew lil min minnhom jaghmlu ix-xoghol mehtieg biex l-attur jigi hekk riintegrat f'terminu qasir u perentorju;

3. In diffett tawtorizza lill-attur jaghmel dawk l-istess xogholijiet ghas-spejjez ta' l-istess konvenuti jew min minnhom.

Bl-ispejjez, bir-riserva ghal kwalunkwe kawza ghad-danni naxxenti minn dan l-ispoll u mill-atti tal-konvenuti fuq imsemmija u bl-ingunzjoni tal-konvenuti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 9 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Raymond Aquilina u Terra Mediterranea Limited, tat-2 ta' Novembru 1999 a fol 14 tal-process, fejn gie eccepit:

1. Illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu: in kwantu dawn jolqtu lill-eccipjent Raymond Aquilina ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika ma' l-attur peress illi huwa ma ghamel l-ebda negozju dwar l-art "de quo"; li in kwantu dawn huma diretti kontra s-Socjeta' eccipjenti ma gie kommess l-ebda spoll ghad-dannu tal-attur li biex l-azzjoni tieghu tirnexxi jrid jipprova

it-tlett elementi ta' l-Actio Spolii, u cioe' *“possidesse", "spoliatum fuisse”, u “infra bimestre deduxisse”;*

2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti Raymond Aquilina u Terra Mediterranea Limited a fol 15 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 16 sa 25 tal-process;

Rat n-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Domenico Savio Spiteri a fol 27 tal-process fejn gie ecceppit:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt li ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur.

2. Illi l-esponenti ma kkomettew l-ebda spoll in kwantu huwa proprjetarju tal-art *de quo* 'Tal-Misluta' kif juru r-relazzjonijiet u provenjenza.

3. Illi ghall-kuntrarju, l-attur ghandu biss titolu derivattiv peress li 'akkwista' b'divizjoni.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol 27 tal-process;

Rat n-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta Spiteri Holdings Limited a fol 29 tal-process fejn gie ecceppit:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur.

2. Illi l-esponent ma kkometta l-ebda spoll in kwantu huwa proprjetarju tal-art *de quo* 'Tal-Misluta' kif juru r-relazzjonijiet u provenjenza.

3. Illi ghall-kuntrarju, l-attur ghandu biss titolu derivattiv peress li 'akkwista' b'divizjoni.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` konvenuta Spiteri Holdings Limited a fol 20 tal-process;

Rat il-verbal tat-2 ta’ Dicembru 1999 fejn il-Qorti ordnat lill-attur biex jipproduci x-xhieda tieghu bil-procedura ta’ l-affidavit, il-kawza giet differita ghall-konkluzzjoni tal-provi attrici u provi tal-konvenut ghat-3 ta’ Frar 2000.

Rat il-verbal tat-3 ta’ Frar 2000 fejn id-difensuri qablu li jigu allegati ma dan il-process ix-xhieda kollha u l-

affidavits li jinsabu fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 4127/99 u 4128/99 fl-ismijiet "NMR Ltd vs Raymond Aquilina et" li hija differita ghat-28 ta' Frar quddiem l-Onor Imhallef Geoffrey Valenzia, qablu wkoll li tali xhieda ghandha tifforma parti bhala xhieda minn dan il-process. Il-kawza gie differita biex isiru l-kontro-ezamijiet tal-konvenuti u ghall-bidu tal-provi mill-konvenuti bil-fokolta` li l-istess jipprezentaw tali xhieda bil-procedura ta' l-affidavit, ghat-13 ta' April 2000.

Rat in-nota ta' l-attur tat-12 ta' April 2000 fejn permezz taghha prezenta xi affidavits u dokumenti (fol 35 sa 48 tal-process).

Rat il-verbal tat-13 t'April 2000 fejn Dr Therese Cachia prezentat affidavit tal-Perit Edward Micallef u ddikjarat li f'dan l-istadju m'ghandiex provi aktar. Il-kawza giet differita ghall-provi kollha tal-konvenuti ghall-15 ta' Gunju 2000.

Rat il-verbal tal-15 ta' Gunju 2000 fejn rat ix-xhieda ta' Neville Xuereb in kontro-ezami u ta' l-attur in kontro-ezami. id-difensuri qablu li x-xhieda li tinstema f'din il-kawza, Cit Nru 2142/99 ghandha tittiehed ukoll bhala xhieda fil-kawzi b'Cit Nru 2140/99 u b'Cit Nru 2141/99 fuq il-lista tallum, u x-xhieda li nstemghet f'dawk il-kawzi ghandhom jittiehdu bhala xhieda li tkun instemghet f'din il-kawza. Id-difensuri qablu wkoll li jigi allegat il-process tal-Mandat ta' Inibizzjoni 4127/99/GV u l-4128/99/GV li

ghadhom pendenti quddiem Qorti diversament presjeduta, u l-Qorti laqghet it-talba ghall-istess. Il-kawza giet differita ghall-provi kollha li fadal tal-konvenuti ghas-7 ta' Lulju 2000.

Rat in-nota ta' Marcus Marshall tal-21 ta' Gunju 2000 fejn permezz taghha nforma l-Qorti li kopja tal-mandat ta' inibizzjoni numru 4128/99GV u kopja tal-mandat ta' inibzzjoni numru 4127/99, it-tnejn fl-ismijiet "NMR Ltd et vs Raymond Aquilina pro et" gew prezentati fl-atti tal-kawza fl-ismijiet "N.M.R. Ltd et vs Raymond Aquilina pro. et" Cit Nru 2141/99/RCP, u ghalhekk tali atti ghandhom jitqiesu bhala provi wkoll f'din il-kawza.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Lulju 2000, u tat-22 ta' Novembru 2000 fejn rat ix-xhieda tan-Nutar John Hayman, Toni Aquilina, Lorraine Azzopardi, Anthony Borg u Raymond Aquilina. Dr H Antoncich iddikjara li m'ghandux provi aktar. Id-difensuri qablu li d-dokumenti u xhieda fic-citazzjoni numru 2140/99 ghandhom jiqiesu bhala xhieda f'din il-kawza. Dr John Refalo talab li jaghmel nota ta' osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-14 ta' Marzu 2001.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

(A) KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI.

Illi l-principji bazilari tal-azzjoni ta' spoll gew ikkonfermati diversi drabi fis-sentenzi nostrali, inkluza dik fl-ismijiet **"Clive Simpson *nomine vs* Louis Muscat et."** (P.A. RCP. 13 ta' Frar 2001) ibbazati fuq l-**Artikolu 534 tal-Kap 16 u l-Artikolu 791 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**, u huma mibnija fuq it-tlett rekwisiti tal-*actio spolii* u cioe`:

(i) *possedesse*
(ii) *spoliatum fuisse*
(iii) *infra bimestre deduxisse*

Illi tali principji u rekwiziti gew ezawrjentement ikkonsidrati fis-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet "**Natalino u Marie Josette konjugi Agius vs Antonia Said**" (Citazzjoni Numru 2426/97/RCP) deciza fit-13 ta' Jannar 1999 u "**Joseph Mary Debono et vs Dr. Tanya Sciberras Camilleri noe**" (Citazzjoni Numru 1704/98/RCP) deciza fid-29 ta' April, 1999, u s-sentenzi hemm citati, u din il-Qorti taghmel referenza ghall-istess u l-giurisprudenza hemm citata fejn gew eccentwati l-premessi principji:-

(a) L-attur irid jipprova li fil-mument ta' l-ispoll, huwa kien fil-pussess tal-oggett spoljat, izda tali

pussess ma hemmx bzonn li jkun pussess b' titolu ta' proprjeta' jew servitu', izda anke purament materjali jew di fatto, izda mhux ta' mera tolleranza (**Joseph Vassallo Gatt nomine vs Joseph Camilleri proprio et nomine** – App. 26 ta' Jannar 1996).

(b) "*L-istess pussess ma ghandux ikun ekwivoku u jrid ikun manifest*" (**Gio Maria Tonna vs Gius Maria Tonna** – P.A.H.H. 21 ta' Frar 1983), pero` "*pussess qasir hafna u sahansitra mumentarju huwa bizzejjed biex jawtorizza l-azzjoni ta' spoll*" (Vol. XXXVII. p. 11, pg. 642); b' dan li l-pussess ma kellux ikun ekwivoku u kellu jkun manifest (**Camilleri vs Giglio** – Vol X – p. 55, 56).

In effetti fis-sentenza "**Marthese Borg vs Gorg Borg**" (P.A. – 25.2.1993) inghad li:

"*L-univocita` ta' tali pussess jew detenzjoni in fatti jehtieg li tirrizulta cara mill-fatti u tkun tali li tosta ghall-intenzjoni spolljattiva tal-pussess stess.*"

Dawn il-principji gew ribaditi fis-sentenza tal-Appell fl-ismijiet "**Emanuel sive Leli Sammut vs John Sammut**" (Citazzjoni Numru 585/93GV) tad-19 ta' April 1999 fejn l-istess Qorti tal-Appell sostniet li:-

"*L-attur allura kellu qabel xejn jipprova l-element tal-pussess. Kellu jipprova b' mod konklussiv li kellu 'un possesso di fatto' u mhux pussess bazat fuq xi mera tolleranza li ma tkunx bizzejjed biex isservi ta' fondament ghall-akkwist tal-pussess mehtieg bhala bazi ta' din l-azzjoni.*" (**Ann Wismayer vs Rinaldo Wismayer Agius** – P.A. 5 ta' Ottubru 1992).

(c) Illi a bazi tal-**Artikolu 791 (3) tal-Kap 12**, il-Ligi tipprovdi tassattivament li:-

"*Il-Qorti ghandha tezamina biss il-fatt tal-pussess jew tad-detenzjoni u l-fatt tal-ispoll.*"

Hekk il-kawza "**Joseph Cilia et vs Loreto Camilleri et**" (P.A. FGC – Citazzjoni Numru 1163/93/FGC) tat-12 ta' Gunju 1998 gie riaffermat li:-

"*Il-Ligi taghna fl-azzjoni ta' spoll ma tghatix lok ghall-ebda indagini ohra barra minn dik li tistabilixxi (a) il-fatt ta' pussess/detenzjoni u (b) il-fatt ta' spoll. Indagini limitatissima, rigoruza u skarna li ma tinsab f' ebda legislazzjoni ohra, u ghalhekk, bir-rispett kollu ghal decizjonijiet li ppermettew indagnijiet bazati fuq x' jghidu u x' ma jghidux guristi u awturi Francizi u Taljani, huma ghal kollox irrelevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament guridiku taghna*" (**Carlo sive Charles Cardona et vs Francesco Tabone** – Appell 9.3.1992). Tal-istess portata hija s-sentenza

"**Mariano Farrugia et nomine vs Peter Paul Cutajar**" (Citazzjoni Numru 1441/97/FGC tat-23 ta' Ottubru 1998) fejn il-Qorti accentwat li:-

"*Din l-azzjoni ta' spoll hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikaci ghall-iskop li ma thalli lil hadd jiddisturba 'stat ta' fatt' arbitrarjament u hija intiza 'unikament biex igieghel lill-konvenut li jerga' iqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha u daqshekk biss*" kif jghid bl-aktar mod car l-**Artikolu 791 (1) tal-Kap 12** li sfortunatament jigi hafna drabi injorat.

(d) Illi l-vjolenza mehtiega fl-ispoll hija biss dik li l-att ta' spoll ikun arbitrarju u kontra il-volonta' tal-pussessur b' mod li jista' jghati lok ghall-azzjoni ta' danni kontra min ikun ghamel dak l-att (**Joseph Scerri vs Spiridione Falzon** – P.A. A.M. 24.1.1958; **Joseph Vella vs Salvu Micallef** – P.A. JSP 30.4.1991).

(e) Tali artikoli fuq citati huma ta' ordni pubbliku u ghalhekk ma humiex ammessi eccezzjonijiet hlief eccezzjonijiet delatorji (**Margherita Fenech vs Paolo Zammit** – P.A. 12.4.1958, Vol XLLI. Pg. 973; **Carmelo Sacco vs Paul Sacco** – Appell 23.1.1998).

(f) Illi ta' partikolari interess, fl-ambitu tal-kawza odjerna huwa dak stabbilit fis-sentenza "**Alfred Pisani et vs Victor Farrugia**" ( P.A. FGC – 21 ta' Jannar 1994).

"*Jinghad li la l-Ligi u lanqas il-gurisprudenza ma jaffermaw il-principju li biex wiehed jirnexxi b' din l-azzjoni ta' spoll huwa ghandu jkollu pussess esklussiv. Anzi l-Qrati nostrali dejjem ippremettew li ko-possessur jagixxi b' din l-azzjoni kontra ko-possessur iehor li jikkometti spoll ghad-dannu tieghu u dan minhabba li l-azzjoni ta' spoll ghandha l-iskop li tipprotegi l-pussess u mhux il-pussess esklussiv.*"

(g) L-azzjoni ta' spoll trid issir "*fi zmien xahrejn mid-data tal-kummissjoni tal-att spolljattiv*", b' dan li skond il-pronunzjament fis-sentenza "**Norman Vassallo vs Filomena Esposito**" (Appell – 18 ta' Gunju 1993) inghad li *meta tinghata l-eccezzjoni li l-azzjoni ta' spoll privileggjat ma saritx fiz-zmien preskritt mill-Ligi, il-prova ta' dan tinkombi fuq l-eccippjenti ghaliex skond l-**Artikolu 562 tal-Kap 12**, l-obbligu tal-prova tal-fatt imiss dejjem lil min jallegah.*"

## (B) XHIEDA PRODOTTI.

Illi l-attur qed jallega li huwa kellu l-pussess tal-plot numru 2, li huwa kien akkwista minghand is-socjeta' N.M.R. Limited b'kuntratt datat 3 ta' April 1992 fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone. Illi l-istess socjeta' kienet min-naha taghha akkwistat l-istess plot flimkien ma' ohrajn bhala l-porzjoni ta' art  kif deskritta fic-citazzjoni attrici b'kuntratt tas-17 ta' Ottubru 1989 minghand Mignon armla ta' Alan Marshall, u li fl-ahhar ta' Awissu u bidu ta' Settembru 1999, il-konvenuti jew min minnhom dahhlu fuq l-art taghhom.

Illi mill-affidavit ta' **Neville Xuereb** tat-13 ta' Ottubru 1999, jirrizulta li porzjoni ta' art diviza mill-art maghrufa bhala *"Tal Misluta sive Tal-Franciz"* fid-distrett Tat-Tiniet, f'St. Andrews limiti ta' San Giljan, ta' circa elfejn tmien mija u wiehed u tmenin metru kwadri (2881m$^2$), li kienet provenjenti minn att ta' divizzjoni favur Mignon Marshall datat 29 ta' Marzu 1988,  kienet akkwistata bil-kuntratt tan-Nutar Tonio Spiteri datat 27 ta' Ottubru 1989 mis-socjeta' N.M.R. Limited minghand l-istess Mignon armla ta' Alan Marshall, u mill-liema art hargu erba' plots, tnejn minnhom, dawk numri 1 u 3, huma l-mertu tal-kawza fl-ismijiet **"N.M.R. Property Limited vs Raymond Aquilina proprio et"** Citaz. Numru 2141/99/RCP, l-plot numru 2 trasferita lil Marcus Marshall u tifforma l-mertu tac-citazzjoni odjerna, u l-plot numru 4 trasferita lil Neville Xuereb, u tifforma l-mertu tac-citazzjoni numru 2140/99/RCP.

Illi s-socjeta' ghamlet survey tal-art, bniet pedamenti fuq tnejn mill-istess plots u bniet hitan divizzorji sabiex taqsam l-istess plots minn bini iehor li kien telgha madwarhom, u wara li sar dan ix-xoghol il-plots numru 4 u 2 gew trasferiti rispettivament permezz ta' kuntratt datat 3 ta' April 1992 lix-xhud u lil Marcus Marshall rispettivament. Ix-xhud kif akkwista l-plots tieghu qabbad kuntrattur sabiex jordom il-pedamenti li kienu saru mis-socjeta' attrici fuq il-plot tieghu.

Illi saru applikazzjonijiet ghal xi whud mill-plots mal-P.A.P.B., u inhargu permessi ghall-plot numru 4 u 6, pero' fuq pariri tal-Periti taghhom Mangion & Mangion, ma bnewx stante li riedu jaqsmu l-art b'mod differenti biex johorgu iktar plots, u sabiex ibieghu qabdu kuntrattur sabiex jiskava, applikaw ghall-permessi u l-kuntrattur ghamel il-pedamenti kollha tal-art .

Illi fis-sena 1995 is-socjeta' N.M.R. Limited, l-attur u Neville Xuereb applikaw ghall-permessi fuq l-istess erba' plots, li nhareg mid-D.C.C. f'Gunju 1999 u f'Awissu ircevew kopja tal-permess, u sa dan it-tant kienu jiehdu terzi persuni sabiex jaraw is-siti in kwistjoni sabiex ibieghu l-istess.

Illi sostna li fid-data indikata fic-citazzjoni l-konvenut Raymond Aquilina kien cempel lill-attur Marcus

Marshall fejn ippretenda li tali plots kienu tieghu, marru fuq il-post u sabu li l-pedamenti u l-gebel li kienu hallew fuq il-post, inkluz il-marki li saru mill-periti taghhom kienu tnehhew u ntraddmu; mill-girien tal-istess plots saru jafu li dan ix-xoghol kien sar minn Raymond Aquilina, u mar ikellmu il-Madliena, u l-konvenut sostna li kien xtara l-istess plots flimkien ma ohrajn minghand certu Xuereb.

Illi in kontro-ezami l-istess Neville Xuereb sostna li l-ewwel darba li ghamel pedamenti fil-plot tieghu kien fin-1994/5, pero' applika ghall-permess fin-1990, u kellu gholi ta' sebgha (7) u tmien (8) filati sal-livell jew filata inqas mit-triq. Ma kompliex ghaliex ried jistenna l-permessi tal-plots l-ohra wkoll sabiex jibni kollox flimkien, u baqa' jizviluppa plots mhux mertu tal-kawzi odjerni; ried jaghmel progett wiehed u kien ser jaghmel ukoll *basement,* u ma kellux bzonn ihaffer. Mistoqsi dwar l-istat tal-pedamenti, sostna li l-pedamenti kienu ghadhom sew biex jitla' bini fuqhom, kienu mirdumin, bil-qatran sa filata taht il-livell tat-triq, u qatran mal-hajt tal-appogg, u b'terrapien imwitti. Illi sostna li f'Lulju 1999 cempel certu Raymond Aquilina biex ikellem lill-Marcus Marshall, u dan qallu li l-konvenut kien qed jaghmel *claim* fuq l-istess art. Illi wara fil-perjodu indikat fic-citazzjoni gie infurmat min Marcus Marshall li xi nies kienu qalulu li l-konvenut Raymond Aquilina kien radam kollox. Kellem lill-

konvenut u qallu li kien akkwista l-art minghand Xuereb u Spiteri.

**Vincent Curmi**, amministratur ta' Scicluna Estates, sostna li din l-art kienet tappartjeni nofs lill-eredita' tal-familja Testaferatta, u nofs lill-eredita' tal-familja Scicluna, u b'kuntratt tad-29 ta' Marzu 1989 din giet assenjata b'divizzjoni lill-istess Mignon Marshall; pero' qabel dan din l-art kienet fil-pussess ta' Scicluna Estate u fil-fatt diversi terzi persuni kienu jihallsu l-kera fuqha kif jidher minn kopja tar-registru esebita` fl-atti ta' dawn it-tlett kawzi; qabel din l-art kienet giet assenjata lill-familja Testaferrata/Scicluna permezz ta' kuntratt ta' divizzjoni tan-Nutar Giuseppe Parodi datat 23 ta' Awissu 1866.

**Il-Perit Edwin Micallef** b'affidavit tieghu datat 8 ta' April 2000 ikkonferma li kien inkarigat minn Marcus Marshall u Neville Xuereb ghan-nom ta' NMR Limited, u li kien inhareg permess tal-bini fuq plot numru 3 fuq Marcus Marshall, u wara l-hrug ta' tali permessi kien sar xoghol ta' tindif tas-sit, tfassil ta' pedamenti, livellar u tqeghid ta' pedamenti b'konkos rinfurzat bil-hadid fit-turbazz, bini tal-hitan gebel singlu u dobblu u radam bil-materjal bejn il-hitan tal-pedamenti; ix-xoghol kien waqaf ghaliex il-klijent tieghu ried ibiddel il-pjanta

Illi in kontro-ezami sostna li l-permess kien hareg l-ewwel darba fit-8 ta' Jannar 1990, sar it-tahmil fuq l-erba' plots, u saru pedamenti fuq zewg plots sal-livell tal-qatran, u l-istess kienu ser isservu anke wara li hargu l-permessi fin-1999, hlief ghall-kwart minnhom. Sostna li ftit wara li hareg il-permess tal-bini fit-13 ta' Awissu 1999, li l-attur jew l-atturi rcevew fit-17 ta' Awissu 1999, l-atturi informawh li kienu dahhlu terzi fuq l-art taghhom, u ghalhekk ghalkemm kien pjanat li x-xoghol jibda jsir kellu jieqaf kollox.

Illi **l-attur Marcus Marshall** sostna li kien applika ghall-permess ghall-plot tieghu numru 2 fin-1995, u l-pedamenti ghamilhom wara, u l-pedamenti kienu bejn 7 sa 10 filati u waqaf sabiex jistennew li jsir zvilupp fuq il-plots kollha, u raddmu l-pedamenti sal-livell tat-triq u baqghu hekk sakemm hareg il-permess. Sostna li sar jaf bix-xoghol tal-konvenut fis-sajf tas-sena 1999 Lulju, Awissu tal-istess sena, ghalkemm huwa qatt ma ra lill-hadd jaghmel dan ix-xoghol. Illi x-xhud sostna li huwa ma jistax jiftakar meta saret din it-telefonata lilu, pero' jaf li l-ghada huwa mar fuq il-post u sab kollox imharbat, u fil-fatt kif sar jaf b'dan huwa mill-ewwel agixxa l-Qorti.

Illi **l-konvenut Raymond Aquilina** sostna li ghamel konvenju fl-4 ta' Awissu 1999, pero' qabel kien ra l-istess plot u sostna li peress li kien hemm hafna terrapien ried jara jekk kienx hemm barriera u

ghalhekk qabel hammel l-istess plot, ghalkemm dwar dan fil-konvenju ma issemma xejn. Sostna li xi xahar wara kien mar ghandu Neville Xuereb u staqsih jekk kienx huwa l-persuna li hammel l-art, u qallu iva peress li kien xtraha fuq konvenju xahar qabel. Sostna li ma kien hemm l-ebda bidwi fuq l-istess art, u kien sab biss blat, u fejn kien hemm pedamenti dawn kienu kollha soll, hziena mitluqin u meqlubin. L-art giet imhammla l-erba' plots f'daqqa minn Toni Aquilina Limited li hija kumpanija ta' huh u skond huwa dan ix-xoghol sar fit-2 ta' Awissu 1999, u nizzel din id-data fuq id-*diary* tieghu li l-karti taghha huma bi strixxi u jinqalghu; il-kont baqa' ma halsux; wara li lesta dawn hammel l-plots ta' Denaro fl-10 ta' Awissu 1999.

Illi sostna li cempel lill-Marcus Marshall fl-ahhar ta' Awissu u bidu ta' Settembru 1999 u sostna li cempillu biex jghidlu li l-art hija tieghu u mhux tal-atturi f'dawn il-kawzi.

Illi riprodott l-istess xhud sostna li fit-12 ta' Awissu 1999 sar l-ahhar xoghol pero' mhux fuq l-istess art imma ta' hdejha. Ix-xoghol f'din il-kawza huwa dak relattat mal-job card 2405/6 u l-*invoices* l-ohra 2407 u 2408/9 jirreferu ghal xoghol iehor. Sostna li l-atturi l-ewwel li kellmuh kien xi xahar wara, f'Settembru 1999.

Illi **Mario Deguara** prodott mill-konvenut Aquilina sostna li huwa *driver* tal-gaffa, jahdem ma Toni Aquilina, u hammel bicca art flimkien ma Tony Borg, u fuq din l-art kien hemm mgholi 8 filati terrapien, zibel, hadid, u milli jitfghu n-nies, u gebel. Taht it-terrapien kien hemm blat u pedamenti maqlubin. Lilu qabbdu l-konvenut Raymond Aquilina, u qallu biex immur it-Tnejn, 2 ta' Awissu 1999 jahdem is-Swieqi f'dawn il-plots. Mistoqsi mill-Qorti kif baqa' jiftakar l-istess data sostna li huwa kien jaf li kien ser jitla' l-Qorti, u staqsa lill-konvenut meta kien, u qallu li kien it-2 ta' Awissu 1999, u mar jiccekkja mal-iskrivana Lorraine f'dik id-data. Damu ihammlu ghal jumejn jew tlett ijiem.

**Domenico Savio Spiteri** fis-7 ta' Lulju 2000 sostna li xtara l-art in kwistjoni fuq konvenju hames snin jista' jkun ghaxar snin qabel minghand l-esekutur Rafel Gauci, pero' ghalkemm ra, qatt ma ghamel atti ta' pussess fuqha.  Lill-konvenut kellmu tlett (3) xhur qabel il-konvenju mieghu tal-4 ta' Awissu 1999. Sostna li fuq il-konvenju tah il-permess biex jidhol fuq l-art, u anke gimgha qabel l-istess konvenju, tant li sostna li l-konvenut kien qallu fuq il-konvenju li hammila ghaliex sab hafna imbarazz. Mistoqsi mill-Qorti jekk kellux ghaggla biex ihammilha qal li ma kienx hemm ghaliex permessi lanqas kien hemm. Wara fuq mistoqsija diretta tal-Qorti sostna li ried jara jekk kienx hemm barriera. Anzi sostna li inkorragieh biex inaddafha.

**In-Nutar John Hayman** ikkonferma li hlief ghall-prezz, il-konvenju datat 4 ta' Awissu 1999 huwa kopja tal-original u gie awtentikat minnu.

**Toni Aquilina**, huh il-konvenut Raymond Aquilina, bhala rapprezentant ta' Toni Aquilina Limited, sostna li huh kien qallu li kien ser jiehu xi haddiema ghal xoghol is-Swieqi, u qallu biex ikellem lill-Mario Deguara, ix-xoghol ma thallasx ghalkemm il-kont hareg, ghaliex skond ix-xhud xoghol bhal dak jinqata darba f'sena. Il-kont ma kienx jaf meta hareg, pero' dam ma johrog il-kont ghaliex skond huwa ma jkollux ghaggla biex johorgu l-kontijiet, ghaliex jista' jkun li jsir xoghol wara. Sostna li ix-xoghol sar fit-2 ta' Awissu 1999, ghaliex meta saru jafu li kienu telghin il-Qorti marru jiccekkjaw kollox ma' Lorraine Azzopardi tal-ufficcju sabiex issib il-*job card*, li tkun imliet wara li jsir ix-xoghol fuq dak li jghidilha l-haddiem, f'dan il-kaz Mario Deguara.

**Lorraine Azzopardi** sostniet li hija segretarja ta' Toni Aquilina Limited u ilha hekk sitt snin, u sostniet li fuq karta qisha *fullscap* li hija l-*job card* kienet kitbet ix-xoghol li sar is-Swieqi, u in-numru 2405/6 huwa in-numru tal-*invoice,* u ma hemmx sekwenza kif tigi ffaljata l-istess; l-istess qeghda intestata fuq Raymond Aquilina ghan-nom ta' Terra Meditteranea Limited, u dan skond hija sabiex jekk ikun hemm xi

hadd iehor Raymond tinduna ta' min hi. Is-socjeta' tnizzlet kif qalilha l-imghallem taghha. Ix-xoghol sar fit-2, 3, u 4 ta' Awissu 1999, sar xoghol iehor fit-12 ta' Awissu 1999. In konfront l-istess xhud sostniet li dan ix-xoghol kien beda fit-2 ta' Awissu 1999 u spicca, ghalkemm mhux b'mod kontinwu fit-12 ta' Awissu 1999.

**Anthony Borg** sostna li huwa kien jahdem ma Toni Aquilina Limited bhala *driver* u kienu ghamel xoghol flimkien ma Mario Deguara ghal-Raymond Aquilina is-Swieqi fejn kienu raw pedamenti maqlubin, gebel kbir kollox mirdum. Ix-xoghol sar fit-2 ta' Awissu 1999 u dan ghaliex iccekkja ma Lorraine. L-istess terrapien gie mehud fil-barriera f'Tal-Balal fit-12 ta' Awissu 1999. Il-*job card* tintela fuq l-informazzjoni li jghidilha l-imghallem tieghu Toni Aquilina. Sostna li komplew ihammlu gurnata ohra fit-12 ta' Awissu 1999.

Illi din il-Qorti rat ukoll kopja tal-Mandati ta' Inibizzjoni Numri 4128/99/GV u 4127/99/GV rispettivament, fejn apparti hafna dokumenti li gia jinsabu esebiti f'din il-kawza u fil-kawzi l-ohra numru 2140/99/RCP u 2141/99/RCP, hemm ukoll ix-xogholijiet li kienu saru fil-plots kollha mill-atturi fit-tlett kawzi skond certifikat datat 3 ta' Settembru 1999 redatt mill-Perit Edward Micallef; u wkoll wiehed jinnota li fir-risposta tal-konvenut Raymond Aquilina ghall-istess rikors f'paragrafu 4 tal-istess datata 20 ta' Settembru 1999

jinghad illi *"bi skrittura privata datata 21 ta' Awissu 1999 l-istess Raymond Aquilina ghan-nom tas-socjeta' esponenti Terra Mediterranea Limited akkwista d-drittijiet tal-bidwi Carmelo Demicoli li kien jahdem parti mill-art imsemmija".*

## (C) APPREZZAMENT TAL-PROVI U APPILKAZZJONI TAL-LIGI GHALL-KAZ *DE QUO*.

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti tikkonferma d-Digrieti taghha precedenti moghtija f'din il-kawza u fil-kawzi l-ohra Citaz. Numru. 2140/99/RCP u 2141/99/RCP, fejn ordnat li l-provi kollha prodotti fiz-zewg kawzi appena citati ghandhom jitqiesu bhala provi moghtija ukoll f'din il-kawza, u l-provi f'din il-kawza ghandhom jitqiesu bhala provi fil-kawzi l-ohra, li ser jigu decizi ukoll illum. Ukoll ghandhom jitqiesu bhala prova f'din il-kawza l-atti esebiti f'din il-kawza u fil-kawzi l-ohra tal-Mandati ta' Inibizzjoni Numri 4128/99/GV u 4127/99/GV rispettivament.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta lil din il-Qorti bla ebda dubju kwalunkwe li l-attur kellu l-pussess tal-plot in kwistjoni u dan jirrizulta car mix-xhieda tad-diretturi tal-socjeta' N.M.R. Limited u cioe` Neville Xuereb u l-attur odjern Marcus Marshall, li ikkoroboraw lill-xulxin dwar kif l-art diviza indikata fl-istess kuntratt, li wara giet maqsuma f'erba' plots, wahda mertu tal-kawza

odjerna, u tlett plots l-ohra numri 1, 3 u 4 mertu tal-kawzi l-ohra li sejrin jigu decizi wkoll illum, gew assenjati lis-socjeta' indikata permezz tal-kuntratt tas-27 ta' Ottubru 1989. Illi eventwalment plot 2 giet trasferita lill-attur permezz tal-kuntratt *daio in solutum* tat-3 ta' April 1992 (Dok. "MM2".).

Illi mill-provi jirrizulta wkoll li l-istess socjeta' mhux biss akkwistat l-istess plots kollha, imma effettivament tramite id-diretturi taghha hadet pussess effettiv tal-istess plots, tant li ghamlet survey tal-art, bniet pedamenti u ghamlet hitan divizorji sabiex tiddimarka l-istess plots minn propjeta' ta' terzi. Wara l-plots numru 4 u 2 gew trasferiti rispettivament lill-Neville Xuereb u lill-attur odjern f'isimhom proprju, u dik numru 2 hija proprju l-mertu ta' din l-kawza, mentri l-plots l-ohra huma mertu tal-kawzi l-ohra li ser jigu wkoll decizi llum.

Illi fuq l-istess plots saru wkoll diversi applikazzjonijiet ghall-permessi, pero' l-atturi fit-tlett kawzi iddecidew li jaghmlu zvilupp uniku u ghalhekk, ix-xoghol fuq l-istess plots waqqaf ghal xi zmien sakemm saru l-applikazzjonijiet fin-1995, li gie approvat mid-D.C.C. f'Gunju 1999, u l-permess relattiv hareg fit-13 ta' Awissu 1999 u li l-attur f'din il-kawza u l-atturi l-ohra fil-kawzi hekk konnessi rcevew fid-19 ta' Awissu 1999, fejn l-istess attur flimkien ma' Neville Xuereb marru biex ikomplu jaghmlu l-istess xoghol pero' sabu

illi l-art kienu dahhlu fuqha terzi li wittu l-art u kissru l-pedamenti li kien hemm.

Illi ghalhekk f'dan il-kuntest ma hemm l-ebda dubju li l-attur ipprova konkludentament u dan permezz tax-xhieda tieghu fuq indikata, kif korroborata mill-istess Perit Edwin Micallef, li l-istess attur kellu l-pussess tal-plot in ezami u wkoll li gie spoljat mill-istess pussess taghha.

Illi jidher li l-kwistjoni, almenu mix-xhieda prodotta quddiem din il-Qorti, hija dwar iz-zmien meta gie kommess dan l-ispoll, stante li l-konvenuti Raymond Aquilina u Terra Mediterranea Limited qed isostnu li tali xogholijiet saru biss qabel il-konvenju datat 4 ta' Awissu li l-istess socjeta' konvenuta ghandha skond hija veljanti mas-socjeta' konvenuta l-ohra Spiteri Holdings Limited, anzi l-istess sostna li x-xoghol sar fit-2 ta' Awissu 1999.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti t-tezi tal-istess konvenuti appena citata ma hijiex kredibbli, u fl-opinjoni ta' din il-Qorti, li kellha okkazzjoni wkoll tinnota l-komportament tax-xhieda tal-istess konvenuti u x-xhieda minnhom prodotti waqt li taw l-istess xhieda, thoss li l-versjoni dwar id-data meta sar ix-xoghol fuq ordni tal-konvenut Raymond Aquilina ma hijex dik tat-2 ta' Awissu 1999.

Illi in effetti jirrizulta li mill-*job cards* stess esebiti mis-socjeta' Toni Aquilina Limited, bhala prova tal-istess konvenuti, bhala Dok. LA, LA 2 u LA3, jidher li xoghol fuq l-istess deskrizzjoni ta' art *"plots li jaghmlu ma Triq il-Franciz c/w Triq il-Kwartin is-Swieqi"* saru kemm fit-2,3,4,10,12, u 21 ta' Awissu 1999, u ma hemm xejn x'jindika fl-istess *job cards* li dawn ix-xogholijiet ma sarux fuq dawn il-plots. Ineffetti fuq l-istess dokumenti d-deskrizzjoni tal-art hija identika u certament tirrifferixxi ghall-istess akkwati.

Illi ovvjament hemm hafna xi tghid dwar il-mod kif jinzammu l-istess *job cards* mill-istess socjeta' Toni Aquilina Limited, li ma hija hadd hlief il-kumpanija ta' hu l-konvenut Raymond Aquilina, fejn l-istess jikkonsisti biss f'*fullscap* miktuba allegatament minn Lorraine Azzopardi fuq dak li jghidilha l-istess Toni Aquilina. Jidher li ma hemm l-ebda segwenza ghall-istess, u facilment l-istess *fullscaps* jistghu jinbiddlu; apparti l-fatt li f'dan il-kaz jidher li l-konvenut Raymond Aquilina qabbad lill-haddiema tal-istess socjeta' direttament u ghalhekk huwa difficli hafna biex wiehed jifhem kif Lorraine Azzopardi, li kitbet l-istess dokumenti, hadet din l-informazzjoni minghand Toni Aquilina, li kull ma ghamel skond hu stess, kien biss li qal lill-huh biex ikellem lill-Mario Deguara. Certament li fix-xhieda tal-istess impjegati ta' din is-socjeta' hemm inkonsistenzi serji, fejn jidher li dawn ix-xhieda kienu jafu biss li d-data meta sar ix-xoghol

kien it-2 ta' Awissu 1999, u dan ghaliex qabel l-istess xhieda kollha marru jiccekkjaw mad-dokumenti li zzomm Lorraine Azzopardi. Illi bla ebda tlaqqliq din il-Qorti thoss li x-xhieda f'dan ir-rigward ta' Anthony Borg, Mario Deguara, Toni Aquilina, Lorraine Azzopardi, u tal-konvenut Raymond Aquilina ma humiex ta' min joqghod fuqhom, huma inverosimili, u wkoll inkonsistenti ma xulxin, u ghalhekk ma ghandhom ebda valur probatorju ghat-tezi tal-konvenut Aquilina.

Illi anke fuq l-allegazzjoni tal-konvenut li huwa hammel l-istess plots qabel id-data tal-konvenju lanqas hija kredibbli u dan peress li huwa ghamilha cara li ried jaghmel hekk peress li skond huwa ried jara jekk hemmx barriera minhabba l-prezz; pero' jekk ghamel tant insistenza allura wiehed jippretendi li dan jigi ndikat fl-istess konvenju, u li l-konvenut l-iehor jiftakar dan il-punt tant ghall qalb l-istess konvenut Aquilina u mhux jghid sempliciment li kien huwa li inkorragixxa lill-konvenut Aquilina biex ihammel, specjalment meta dan il-konvenut Spiteri kien ilu skond huwa li akkwista l-art fuq konvenju bejn hames u ghaxar snin u ma ghamel xejn fuq l-istess art.

Illi mhux hekk biss izda wiehed ma jistax jifhem anke fil-kuntest tal-provi mismugha ghaliex kien hemm din l-ghaggla kollha da parte tal-konvenut Aquilina biex ihammel, la darba skond ix-xhieda tieghu u dik tal-

istess konvenut Spiteri kienu ilhom jitkellmu dwar l-istess art ghall-inqas tlett xhur, u wkoll li ma kien hemm ebda permessi fuq l-istess art, u lanqas kien hemm ghagla biex issir il-konvenju.

Illi apparti dan wiehed jinnota li l-konvenut fir-risposta tieghu ghall-mandati ta' inibizzjoni li saru kontra tieghu sostna li kien wasal fi ftehim mal-persuna li kienet tahdem parti mill-art fil-21 ta' Awissu 1999, u b'kumbinazzjoni l-ahhar xogholijiet skond il-job cards indikati saru fl-istess data.

Illi min-naha l-ohra ix-xhieda tal-istess Neville Xuereb u Marcus Marshall tispjega kif kien l-istess konvenut li l-ewwwel cempel lill-Marcus Marshall u qallu li l-art ma kienitx tieghu, u wara li l-ghada marru fuq l-art u sabu li kien sar ix-xoghol fuqha, Neville Xuereb f'Settembru kellem lill-istess Raymond Aquilina, li qallu li kien ghamel ix-xoghol xi xahar qabel, u fil-fatt l-istess socjeta' u l-attur, u Neville Xuereb agixxew mill-ewwel il-Qorti kemm permezz ta' Mandat ta' Inibizzjoni fis-17 ta' Settembru 1999, u mbaghad permezz ta' din ic-citazzjoni tal-ispoll prezentata fil-5 ta' Ottubru 1999, liema kawza, tenut kont tal-fatt li tali xogholijiet gew kompletati fin-nofs jew l-ahhar ta' Awissu 1999, saret *entro* it-terminu ta' xahrejn indikati mill-ligi. Illi l-istess konvenut qabel li Neville Xuereb kellmu lejn l-ahhar ta' Settembru u sostna li x-

xogholijiet saru xahar qabel, u ghalhekk xorta tigi li din ic-citazzjoni saret fit-terminu.

Illi dwar dan hemm il-korroborazzjoni tal-istess Perit Edwin Micallef, u ix-xhieda tal-istess diretturi tas-socjeta' N.M.R. Property Limited u l-attur, li kkonfermaw li malli raw li x-xoghol sar fuq il-proprjeta' taghom huma aggixxew mill-ewwel permezz tal-proceduri l-Qorti, fosthom din prezenti.

Illi huwa sintomatiku li jigi rilevat li l-istess konvenuti Aquilina proprju u nomine imkien ma taw l-eccezzjoni li l-azzjoni ta' spoll hija perenta, izda l-konvenut Aquilina illimita ruhu biex jghid li huwa m'ghamel xejn personali, u li s-socjeta' minnu rappresentanta giet awtorizzata taghmel dan mis-socjeta' konvenuta l-ohra. Kien biss waqt il-provi li l-istess konvenuti ittentaw jaqdu mat-termini tal-ispoll, izda fl-opinjoni ta' din il-Qorti dan ma ghamlux b'success, u *di piu'* ix-xhieda taghhom ma hija konvincenti xejn, anzi fl-opinjoni ta' din il-Qorti, jidher li l-istess konvenut Raymond Aquilina, kien jaf ezatt x'qed jaghmel, u ittenta mill-ewwel jakkappara l-istess art bi pregudizzju ghas-socjeta' attrici. Illi certament ma jidhirx li bil-provi prodotti l-konvenut Raymond Aquilina pprova l-allegazzjoni tieghu, li kien l-oneru tieghu li jipprova, la darba giet minnu allegata.

Illi hija sinifikanti li nonostante l-fatt li l-konvenut kien jaf li s-socjeta' N.M.R. Limited, l-attur, u Neville Xuereb fil-kawza l-ohra kienu qed jippretendu li ghandhom titolu fuq l-istess art, tant li kien huwa li cempel lil attur l-ewwel, xorta baqa' miexi bil-konvenju, u kien iktar preokkupat, jekk wiehed jemmen ix-xhieda minnu moghtija, jekk kienx hemm barriera fl-istess art, milli dwar it-titolu tal-istess art, li huwa kien ser jakkwista b'konvenju, u kien lest li jaghmel spejjez fuq proprjeta' li baqghet sallum anke f'idejn haddiehor. Huwa ovvju li hemm xi haga zbaljata f'dan ir-ragunament, u dan ma jghinx il-versjoni tal-konvenut Aquilina.

Illi dwar min ikkommetta l-ispoll, jidher li dan sar mill-konvenut Raymond Aquilina f'ismu proprju u fil-fatt huwa fizikament ta' l-istruzzjonijiet lill-haddiema sabiex jaghmlu l-istess xogholijiet u kien prezenti waqt l-istess; jidher li agixxa wkoll ghan-nom tal-istess socjeta' ghaliex indika lis-socjeta' Toni Aquilina Limited sabiex tohrog il-kontijiet fuq l-istess socjeta'.

Illi dwar l-konvenuti l-ohra Domenico Savio sive Savio Spiteri u s-socjeta' Savio Holdings Limited jirrizulta mill-provi li ghalkemm huma materjalment ma ghamlux ix-xogholijiet konsistenti fl-att ta' spoll, kienu huma li taw il-permess lill-konvenuti l-ohra sabiex jaghmlu dawn ix-xogholijiet, u pero' bhala tali, ghalkemm huma kienu jafu li qed jibaghtu lill-

konvenuti bl-awtorizzazzjoni taghhom biex jidhlu fuq art fil-pussess tas-socjeta' attrici u huma ma jistghux jigu mizmuma responsabbli f'din il-kawza, salv ir-relazzjonijiet taghhom mal-konvenuti l-ohra, mertu mhux ta' din il-kawza izda *se mai* ta' pendenza ohra.

Illi ghalhekk l-konvenuti Raymond Aquilina u s-socjeta' Terra Mediterranea Limited qed jigu misjuba responsabbli tal-ispoll allegat u ghandhom jigu kkundannati sabiex jirreintegraw lill-attur fil-pussess tieghu tal-plots *de quo* b'dan li jsiru ix-xogholijiet necessarji sabiex a bazi wkoll tar-rapport tal-Perit Edwin Calleja datat 3 ta' Settembru 1999, l-istess plot titpogga fl-istat prestinu taghha qabel l-ispoll u dan billi jergghu jinbnew il-pedamenti li kien hemm ta' gholi ta' cirka sebgha (7) u tmien (8) filati sal-livell tat-triq, isiru hitan divizzorji, inkluz xogholijiet ta' rinforz tal-istess hitan u *supply of fill material* indikat, apparti li jitnehha l-materjal zejjed li intefa mill-istess zewg konvenuti sabiex wittew l-istess plot.

## <u>III. KONKLUZZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Domenic Savio sive Savio Spiteri u tas-socjeta' Spiteri Holdings Limited u tillibera lill-istess mill-osservanza tal-gudizzju, min-naha l-ohra tichad l-

eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti Raymond Aquilina u s-socjeta' Terra Mediterranea Limited u **tilqa' t-talbiet attrici** fil-konfront tal-istess konvenuti Raymond Aquilina u s-socjeta' Terra Mediterranea Limited, b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-konvenuti Raymond Aquilina u s-socjeta' Terra Mediterranea Limited ikkommettew spoll klandestin u vjolenti meta dahlu fl-art plot numru tnejn (2) formanti parti mill-art maghrufa bhala Tal-Misluta sive Tal-Franciz fid-distrett maghruf bhala Tat-Tiniet, f'St. Andrews limiti ta' San Giljan tal-kejl ta' cirka mitejn u erbatax il-metru kwadri (214m$^2$) proprjeta' tal-attur;

2. Tordna, li l-attur jigi riintegrat fil-pussess ta' l-art plot numru tnejn (2) formanti parti mill-art maghrufa, bhala Tal-Misluta sive Tal-Franciz fid-distrett bhala Tat-Tiniet, f'St. Andrews limiti ta' San Giljan tal-kejl ta' cirka mitejn u erbatax-il metri kwadri (214m$^2$) u b'hekk tikkundanna lill-konvenuti Raymond Aquilina u s-socjeta' Terra Mediterranea Limited flimkien u *in solidum* bejniethom sabiex jaghmlu x-xogholijiet kollha mehtiega konsistenti fil-bini mill-gdid tal-pedamenti u hitan li kienu mibnija qabel l-ezercizzju tal-istess atti spolljattivi, t-tnehhija ta' materjal, il-mili ta' pedamenti, r-reinforz tal-

istess pedamenti u hitan, inkluz fl-istess xogholijiet dawk indikati fir-rapport tal-Perit Edward Calleja tat-3 ta' Settembru 1999 relattati mill-istess plot Numru 2, biex l-attur jigi hekk riintegrat fil-pussess ta' tali plot fl-istat li kienet qabel l-imsemmi spoll, u dan f'terminu qasir u perentorju ta' sittin (60) gurnata mid-data ta' din is-sentenza, u taht id-direzzjoni tal-Perit Valerio Schembri, li qed jigi nnominat minn din il-Qorti sabiex jissorvelja x-xogholijiet hawn ordnati, kollox a spejjez tal-istess konvenuti Raymond Aquilina u socjeta' Terra Mediterranea Limited *in solidum* bejniethom;

3. In diffett li tali xogholjiet isiru mill-konvenuti Raymond Aquilina u s-socjeta' Terra Mediterranea Limited fit-terminu lilhom fuq moghti, tawtorizza lill-attur jaghmel dawk l-istess xogholijiet fuq indikati taht id-direzzjoni tal-istess Perit Arkitett Valerio Schembri u kollox ghas-spejjez ta' l-istess konvenuti Raymond Aquilina u s-socjeta' Terra Mediterranea Limited.

Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-perit tekniku fuq nominat minn din il-Qorti sabiex jissorvelja l-istess xogholijiet ordnati kontra l-istess konvenuti Raymond Aquilina u s-socjeta' Terra Mediterranea Limited.

**Moqrija.**

**Onor. Raymond C. Pace LL.D.**
**14 ta' Marzu, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**14 ta' Marzu, 2001**